Kunsill Lokali | L-GĦASRI | Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 15**

l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 15A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 /21558655 · email: ghasri.lc@gov.mt · www.ghasrilc.gov.mt

## 15.1 Talba

15.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 15.2 Ittri ta' Apoloġija

15.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 15.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

15.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 13 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 15.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

15.4.1 Is-Sindku rringrazja lill-iskrivana Mrs. Marvic Attard Briffa tal-ħidma li tagħmel wara l-ħin tax-xogħol u li ta' tali ħinijiet *extra* għandha titħallas jew tingħata *time off*. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

## 15.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

15.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 15.6 Prinċipji tan-negozjati għall-ġemellaġġ

15.6.1 Is-Sindku ppropona xi affarijiet li għandhom jiġu diskussi għall-kuntratt tal-ġemellaġġ. L-għan prinċipali tal-kuntratt hu li jippromwovi l-iżvilupp kulturali u edukattiv – *cultural Exchange.* Tinbena relazzjoni ta' ħbiberija fit-tul. Il-koperazzjoni għandha tkun iffukata fuq oqsma bħall-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura u l-wirt kulturali. Għandha ssir promozzjoni bil-għan li tinkoraġġixxi ż-żjarat reċiproċi – li aħna nżuru lilhom u huma jiġu jżuruna. Is-Sindku qed jagħmilha ċara li l-Kunsill m'għandux fondi għall-investimenti fi proġetti fiċ-Ċina, iżda ser jesprimi x-xewqa li jinfetħu opportunitajiet ta' koperazzjoni permezz ta' *co-financing*. Jekk il-Kunsill ikollu xi proġett f'moħħu, huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu permezz ta' *co-financing*. Sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jikkomunikaw b'mod ċar u strutturat, huwa importanti li jkollhom rappreżentant uffiċjali li jirrappreżentahom. Ir-rappreżentant tal-Kunsill bħalissa huwa s-Sindku.

Dawn huma l-proposti li għandhom jiġu diskussi sabiex fl-aħħar iwassal għall-kuntratt ta' ġemellaġġ. Il-kuntratt ma għandux joħloq obbligi fuq xi waħda mill-partijiet. Fil-kuntratt għandu għandu jkun

ċar, b'dikjarazzjoni miż-żewġ partijiet, li dan huwa ftehim ta' ħbiberija biss u ma jinvolvix ebda aspett politiku.

Is-Sindku rrimarka li dawn huma l-proposti li ser iressaq, finalment hekk kif ikollu xi ħaġa f'idejh huwa ser iressaqhom waqt laqgħa sabiex tiġi diskussa. Ladarba jkun hemm ftehim fuq il-proposti, il-pubbliku jiġi mistieden biex jiġi aġġornat dwar l-andament tal-ġemellaġġ.

## 15.7 Festival 2026

15.7.1 Is-Sindku rrimarka li huwa tkellem ma' wħud mill-voluntiera u ppropona li fis-Sajf tas-sena 2026 jittella' *festival* ieħor bħal *Traditions* b'tema differenti. Ġie rrimarkat li l-voluntiera jridu jkunu lesti li jidħlu għal tali preparamenti. Ġie propost li għandu jkun hemm kumitat tal-voluntiera sabiex isiru laqgħat regolari (bi preparazzjoni għall-avveniment ta' *Traditions)* u tali tiġi diskussa aktar fid-dettall. Is-Sindku rrimarka li tali avveniment għandu jkun fuq l-istess skala ta' *Traditions* pero' mhux b'baġit ta' tletin elf iżda anqas peress li x'aktarx il-kunsill ma jkollux għajnuna finanzjarja permezz ta' skemi etc. Ġie propost ukoll li għandha tiġi mitkellma persuna li torganizza tali avvenimenti ħalli jiġi diskuss x'tip ta' avveniment jista' jittella'.

## 15.8 Materji Oħra

15.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret talba sabiex issir tabella li turi li hemm trejqa mingħajr isem bejn Triq taċ-Ċaqra u Triq il-Gallina li tali trejqa ma tinfidx peress li t-turisti jinfixlu u jippruvaw jidħlu fl-imsemmija trejqa. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta u għalhekk għandha tinbagħat talba lill-uffiċċjali ta' *Transport Malta.*

15.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li t-talba sabiex jitwaħħal il-ħabel fil-bajja ta' Wied l-Għasri ġiet approvata hekk kif indikat mill-kunsill. Għalhekk għandu jinxtara l-ħabel u l-materjal sabiex ikun jista' jitpoġġa fil-post.

15.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li qed jiġi ppreparat il-powster għall-event ta' Traditions u ser ikun kemm format l*andscape* u kemm *portrait.*

## 15.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

15.9.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-13 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 15.10 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

15.10.1 Il-laqgħa ntetmmet fid-9:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**